PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9351 — DIF/Green Investment Group/Covanta/Dublin Waste-to-energy facility)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 140/08)

1. Fid-9 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— DIF Infra 5 UK Limited ("DIF"), ikkontrollata minn DIF Management Holding BV (in-Netherlands);

— Green Investment Group Investments Limited ("GIG", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Macquarie Group Limited (l-Awstralja);

— Covanta Holding 3 UK Limited ("Covanta"), ikkontrollata minn Covanta Holding Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerka);

— Covanta Europe Assets Limited ("Dublin Waste-to-energy facility", l-Irlanda).

DIF, GIG u Covanta jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tad-Dublin Waste-to-energy facility. Bħalissa, id-Dublin Waste-to-energy facility hija kkontrollata b'mod konġunt minn Covanta u GIG.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— DIF hija fond ta' investiment fl-infrastruttura;

— GIG tispeċjalizza f'investiment prinċipali tal-enerġija ekoloġika, it-twettiq ta' proġetti u l-ġestjoni tal-portafoll u servizzi relatati;

— Covanta hija involuta primarjament fis-setturi tar-rimi tal-iskart u tal-enerġija;

— Id-Dublin Waste-to-energy facility hija attiva fir-rimi tal-iskart u l-ġenerazzjoni tal-elettriċità.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9351 — DIF/Green Investment Group/Covanta/Dublin Waste-to-energy facility

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË